# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 41**

**Rikors numru 102/23/1 ISB**

**Bin Han**

**Jin Liu**

**Leisure Clothing Limited (C-8265)**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Dan l-appell jitratta ilment ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali hekk kif protetti bl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, wara li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanti. B'sentenza mogħtija nhar il-25 ta' Marzu 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

(Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi ċaħdet l-eċċezzjoni eċċepita mill-intimati Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali u sabet illi l-Avukat Ġenerali għandu interess ikun parteċepi f'dawn il-proċeduri, għaddiet billi laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati fil-mertu u ċaħdet it-talbiet kollha kif dedotti tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti:**

2. Jirriżulta illi r-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru 2014, u kienu akkużati b'sensiela ta' reati, fosthom dawk kontemplati fl-Artikoli 17,18, 31, 121D, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 2 tat-tieni parti tal-ewwel titolu u l-Artikoli 45(1)(2), 47, u 18 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolamenti 2,3,4,5,6,7,8 u 12 u 22 tal-Avviż Legali 247.2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427/2007 u 259/2012.

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lir-rikorrent Jia Liu mill-akkużi kollha, illiberat lir-rikorrenti Bin Han mill-ewwel akkuża u sabet lill-istess ħati fuq l-akkużi l-oħra, filwaqt illi ġie ikkundanat sentejn ħabs sopiżi għall

perjodu ta' erba' (4) snin, filwaqt illi imponiet multa ta' mitejn elf ewro (€ 200,000) fuq is-soċjetà Leisure Clothing Ltd.

4. Ir-rikorrenti Bin Han u l-Avukat Ġenerali appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

5. Permezz ta' sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali, filwaqt illi ċaħdet l-appell ta' Bin Han, u laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali, sabet lil Bin Han ħati tal-akkużi kollha hekk kif dedotti kontra tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet ukoll lil Jia Liu ħati u kkundannathom għal sitt (6) snin priġunerija effettiva, filwaqt illi kkonfemrat dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ikkundannat lis-soċjetà Leisure Clothing tħallas EUR 200,000 u kkonfermat ukoll l-ordni tal-konfiska tal-assi tar-rikorrenti.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

6. Permezz ta' r-rikors datat 1 ta' Marzu 2023 ir-rikorrenti talbu lill-Ewwel Qorti tiddikjara illi r-rikorrenti ma kellhomx smigħ xieraq, b'dana illi dan id-dirtt fundamentali tagħhom u tas-soċjetà Leisure Clothing Ltd hekk kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġie leż. Talbu ukoll dikjarazzjoni illi s-soċjetà Leisure Clothing Ltd ġiet

kkundannata mingħajr ma kienet involuta fil-proċeduri kriminali, b'dana illi l-assi tal-istess soċjetà sfaw konfiskati minkejja li ma kinitx f'pożizzjoni li tiddefendi lilha nnifisha. *Di più* talbu lil Qorti sabiex tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa fosthom anke billi okkorendo tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2022 u dik mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023, u tiddikjara illi l-Qorti tal-Appell messa rrimandat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex jerġa' jsir ri-apprezzament mill-ġdid tal-fatti, filwaqt illi talbu għat tħassir, revoka u kanċellament tas-sentenza u l-effetti kollha tagħha fil-konfront tas-soċjetà Leisure Clothing Limited.

7. Permezz ta' risposta datata 4 ta' April 2023, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat *in vena* preliminari eċċepew illi l-Avukat Ġenerali ġie mħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern huwa suffiċjenti, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu, sostnew illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda *stante* illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jaffermaw illi r-rikorrenti qiegħdin jittentaw jużaw il-proċeduri odjerni biex jaslu fejn ma rnexxilhomx jaslu quddiem il-Qrati muniti b'ġurisdizzjoni kriminali. Jissottolinea illi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni, il-proċeduri fl-assjem tagħhom u mhux biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali sporadiċi. Fir-rigward tar-ri-evalwazzjoni tal-provi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-intimati affermaw illi huwa risaput illi l-Qorti tal-appell tista'

tirrevedi x-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti b'dana illi tasal għal konvinċiment morali u legali differenti mill-Ewwel Qorti.

8. B'sentenza datata 25 ta' Marzu 2024, l-Ewwel Qorti iddeċidiet il-vertenza billi ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat, u sabet illi l-Avukat Ġenerali għandu jkun parteċipi fil-proċeduri odjerni, u għaddiet billi laqgħet l-eċċeżżjonijiet fil-mertu tal-intimati u ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti. L-Ewwel Qorti ma qisitx illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti jsarrfu fi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**C. L-Appell:**

9. L-appellanti ħassewhom aggravati mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u intavolaw appell nhar it-12 ta' April 2024 fejn talbu lil din il-Qorti biex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, tħassar, tirrevoka, tikkanċella l-kumplament tas-sentenza u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

10. Permezz ta' risposta datata 22 ta' April 2024, l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali sostnew illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda ġusta, raġunata u timmerita li tiġi konfermata. Żiedu illi m'hemm l-ebda inġustizzja manifesta u/jew nuqqas ta' ħarsien proċedurali u għalhekk ma

rriżulta l-ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jisħqu illi l-aggravji avvanzati mill-appellanti mhumiex mistħoqqa u għandhom jiġu miċħuda. Ulterjorment irrilevaw illi l-appellanti qiegħdin jippretendu li din il-Qorti taġixxi bħala qorti tat-tielet jew raba' grad, manuvra li mhijiex aċċettabbli anke għaliex dawn il-proċeduri kriminali għaddew in ġudikat.

**L-ewwel aggravju**

11. Permezz tal-*ewwel aggravju*, l-appellanti jilmentaw mill-apprezzament manifestament żbaljat tal-provi. Jargumentaw illi l-Ewwel Qorti telqet mill-*punto di partenza* żbaljat minħabba li ħadet l-impressjoni illi dak illi effettivament kienu qed jagħmlu l-appellanti kien appell minn appell. Fil-fatt l-Ewwel Qorti tenniet mill-ewwel illi hija ma kinitx Qorti tat-tielet grad u riedet taċċerta ruħha li ma tkunx qiegħda taqdi din il-funzjoni u daħlet fil-kwistjoni taċ-ċertezza legali bħala ġustifikazzjoni ta' dan il-ħsieb tagħha.

12. Isostnu illi l-ilment tagħhom huwa dwar l-apprezzament tal-provi żbaljat li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali meta ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara li laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u applikat piena karċerarja a bażi ta' provi li jgħidu l-oppost ta' dak li s-sentenza tagħha tindika u tistqarr. Jisħqu illi dwar dan żgur li ma

setgħux jilmentaw quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'dana illi l-appellanti ma kellhom l-ebda forum fejn setgħu jressqu l-leżjoni tagħhom dwar dan l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet manifestament żbaljata fil-mod kif trattat din il-lanjanzi għaliex dan mhux każ ta' ri-apprezzament ta' provi imma każ ta' konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali erronjament b'mod tali li seħħet "a denial of justice".

13. Da parti tagħhom l-appellati l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat isostnu illi l-allegazzjoni tal-appellanti illi l-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet fuq provi ineżistenti u mhux in atti hija allegazzjoni inveritiera u assurda, intiża biss biex tikkreja stampa konfuża u tiżvija lil din il-Qorti.

14. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Applikati dawn il-principji illi l-Qorti ssottolineat għall-aħjar attenzjoni u emfasi, il-Qorti tqis illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti għaddew minn proċeduri fl-ewwel istanza u fit-tieni istanza, dejjem ben assistiti u ma jidher qatt illi kien hemm xi lmenti jew lanjanzi kostituzzjonali mqajma waqt il-proċeduri. Il-Qorti tqis illi il-proċeduri kriminali fl-interità tagħhom, li għaddew minnhom ir-rikorrenti, kienu kondotta skont ir-reġim legali anke proċedurali illi jippermetti l-Kodici Kriminali għall-aħjar andament talġustizzja.*
>
> *Ukoll, il-Qorti tqis illi in kwantu illi d-depożizzjonijiet kollha tax-xhieda kollha kienu traskritti u kien hemm kopja tal-istess depożizzjonijiet fil-proċess a dispożizzjoni mhux biss tal-ewwel Qorti imma anke tat-tieni, kif tippermetti s-sistema legali taghna, allura kull qorti f'kull grad setgħet tagħmel "a direct assessment" tax-xhieda prodotti. Il-Qorti tfakkar illi f'Appelli minn każijiet sommarji, il-Qorti tal-Appell terġa'' tisma'' hi x-xhieda illi jkunu prodotti fl-ewwel istanza proprju għaliex ma tistax tagħmel tali "direct assessment" in kwantu illi, fil-maġġor parti stravaganti tal-każijiet, ma jkunx hemm traskrizzjonijiet tal-istess. Din id-differenza proċedurali fil-liġi tagħna qed tiġi sottolineata peress*

*illi ttina appuntu l-opportunità illi naraw illi l-prinċipju ta' direct assessment jiġi osservat. Għaliex kif anke tgħid il-ġurisprudenza fuq ikkwotat, fuq kollox, il-proċeduri u r-regoli proċedurali dwar kif evidenza tiġi apprezzata, mhix regolata bl-Artikolu 6 talKonvenzjoni, imma kull pajjiż għandu l-proċeduri tiegħu.*

*Finalment, din il-Qorti trid tosserva illi filwaqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rrimarkat fis-sentenza tagħha illi minkejja digriet mogħti lejn il-bidu tal-proċeduri sabiex il-proċeduri jinstemgħu bil-lingwa Ingliża, kien hemm użu daqqa tal-lingwa Ingliża u daqqa tal-lingwa Maltija fil-kors tal-proċeduri, anke jekk is-sentenza mbagħad ngħatat bil-lingwa Ingliża, u tirrimarka, il-Qorti tal-Appell, li għal dan id-difiża qatt ma oġġezzjonat.*

*Bl-istess mod din il-Qorti tinnota ukoll illi mkien ma jirriżulta mill-atti illi d-difiża talbet, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, illi x-xhieda jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid u għalhekk il-Qorti tikkonkludi illi l-hawnhekk rikorrenti kienu aktar minn komdi bil-proċeduri kif tmexxew mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif diġà tenut, il-funzjoni ta' din il-Qorti mhix dik tat-tielet grad iżda waħda li tqis jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tul il-proċeduri. Ir-raba' u l-ħames ilment tar-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti li tindaga purament fl-apprezzament tal-fatti, funzjoni li din il-Qorti ċertament li m'għandiex u m'għandux ikollha.*

*Anke għaliex, kif jirrizulta mill-atti, tali apprezzament tal-provi prodotti, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlitu anke fl-isfond tal-kuncetti legali illi jsawru r-reati illi r-rikorrenti kienu qed jirrispondu għalihom – funzjoni illi ċertament illi din il-Qorti mhix ser tassumi. Minn analiżi tas-sentenza, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju, li l-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat kif imiss il-provi li tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kien biss wara tali evalwazzjoni li l-Qorti għaddiet għal konklużjonijiet tagħha, b'hekk lilmenti tar-rikorrenti sa fejn jikkonċernaw provi dokumentarji ser jiġu respinti minn din il-Qorti, stante li tali eżami huwa limitat għal interpretazzjoni f'apprezzament ta' fatti u din il-Qorti m'għandha bl-ebda mod tiddisturba dan."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**:

15. L-appellanti huma kategoriċi fir-rikors tal-appell tagħhom illi dak li huma qiegħdin jilmentaw minnu fl-ewwel aggravju huwa l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Appell Kriminali tant illi ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u applikat piena karċerarja kontra l-

appellanti, apprezzament li fil-fehma tagħhom huwa wieħed żbaljat. Isostnu illi l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet dan abbażi ta' provi li kienu jixtarru l-oppost ta' dak rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha b'dana illi għamlet żbalji manifesti. Iżidu għalhekk illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha, kienet żbaljata fil-mod kif trattat din il-leżjoni, għaliex dan hu każ fejn il-konklużjonijiet raġġunti mill-Qorti tal-Appell Kriminali huma erronji tali mod li seħħet "a denial of justice."

16. Fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti jiċċitaw diversi brani minn sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-Qorti sabet leżjoni tad-drittijiet protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet raġġunti minn qorti nazzjonali kienu "grossly arbitrary", jew "manifestly unreasonable." Jiċċitaw bran riportat mill-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights right to a fair trial (civil Limb). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom irrilevaw illi l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet konsiderazzjonijiet fuq evidenza li ma jirriżultawx mill-atti, u dan kontra prinċipju bażilari ta' smigħ xieraq li *quod non est in actis non est in mundo.* Saħansitra jisħqu illi l-Qorti ssostitwiet il-provi li hemm jew bi provi ġodda mhux formanti parti mill-atti jew b'konġetturi u suppożizzjonijiet.

17. Minkejja dak sottomess mill-appellanti, huwa pależi għal din il-Qorti illi dak li qiegħdin jittentaw jiksbu l-appellanti huwa ri-eżami tal-atti proċesswali kriminali, din id-darba minn din il-Qorti, bit-tir illi din il-Qorti tirriskontra l-iżbalji fattwali li l-istess appellanti jisħqu illi jeżistu fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tfakkar illi l-mansjoni tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali hija li teżamina jekk seħħitx leżjoni ta' xi dritt fundamentali, fil-każ odjern, leżjoni tad-dritt għall-smigħ xieraq.

18. Kif preċedentement affermat, is-setgħa ta' din il-Qorti:

> *"…mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tarrikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill- Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom. B'mod partikolari ngħad li ".. .. d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenza fil-mertu, iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, mhijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea"*
>
> *Il-Qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq tista' madankollu tifli l-atti proċesswali tal-kawża li fiha jitnissel dak lilment u kif ukoll il-mertu maqtugħ f'dak il-proċediment, safejn l-ilment jimpinġi fuq xi jedd tal-individwu li r-raġunament tal-Qorti kien arbitrarju jew irraġonevoli għal kollox. Imma, il-fatt waħdu li r-rikorrent jisħaq li huwa innoċenti tal-akkużi li dwarhom instab ħati ma jissarrafx fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq19. Jeħtieġ jintwerew raġunijiet aqwa minn hekk u l-piż li jintwerew dawn ir-raġunijiet jaqa' fuq ir-rikorrent li jallega l-ksur tal-jedd;*

*Illi huwa għalhekk li jingħad li l-qies dwar jekk persuna tkunx ingħatat jew le smigħ xieraq fejn il-proċess ġudizzjarju li tkun imdaħħla fih ikun intemm, jitlob li jitqies dak il-proċess kollu u mhux xi episodji meħuda 'l hawn jew 'l hinn u maqtugħa għal rashom.*

*…*

*Illi safejn is-sottomissjonijiet tar-rikorrent jippruvaw idaħħlu lil din il-Qorti fi stħarriġ tar-raġunament magħmul miż-żewġt iqrati fis-sentenzi tagħhom, din il-Qorti ma tistax tqishom, għar-raġunijiet li ssemmew qabel u li dwarhom din il-Qorti ma tagħmilhiex ta' qorti tal-appel*

*Illi, kif ingħad qabel, xogħol din il-Qorti f'kawża bħalma għandha quddiemha llum dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq mhuwiex li tistħarreġ jekk qorti tkunx qatgħet tajjeb il-każ li kellha quddiemha, imma jekk dik il-qorti mexxietx il-każ kif imiss u jekk il-parti ngħatatx smigħ xieraq kif mistenni mill-Konvenzjoni. Għalhekk, bl-ebda mod ma kien xogħol din il-Qorti li tippronunċja ruħha dwar il-ħtija jew l-innoċenza tar-rikorrent. Lanqas ma huwa rilevanti jekk din il-Qorti taqbel jew ma taqbilx mar-raġunament magħmul mill-Qrati ta' kompetenza kriminali fil-każ tiegħu."*[1]

19. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellanti jissenjalaw xi "żbalji" jew kwistjonijiet li fil-fehma tagħhom ġew erronjament deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom in-numru ta' kuntratti li kienu preżentati lill-persuni ingaġġati u l-allegat kuntratt bejn Vihatico u Leisure Clothing Ltd. Din il-Qorti fliet l-atti bir-reqqa u fir-rigward in-numru ta' kuntratti preżentati lill-persuni sussegwentment ingaġġati biex jaħdmu ma' Leisure Clothing Ltd rat illi dak sostnut mill-appellanti mhuwiex minnu.

20. Il-Qorti tal-Appell kienet korretta fil-konklużjoni tagħha illi kien hemm iktar minn kuntratt wieħed – fatt illi kien korraborat minn diversi xhieda fosthom: Han Ti Cam Van, Nguyen Thi Hien, Dr Martin Bajada L-

[1] Ara Jason Galea vs Avukat Ġenerali deċiza nhar il-11 ta' April 2019 minn Imħallef J R Micallef.

Ispettur Joseph Busuttil, Ndoung Thi LienTran, Thi Thu Vuong, Thi Phuong, and Tran Van Ngu. L-istess jingħad għall-ftehim bejn Vihatico u Leisure Clothing Ltd, fatt korraborat minn WPS 33 Bernardette Vella, ftehim fil-forma ta' Labour Supply Agreement. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ivvintat dawn il-provi *di sua sponte*, meta l-osservazzjonijiet li hija għamlet huma korraborati mill-evidenza in atti. Naturalment, ċertu testimonjanzi jkunu kontradittorji, u huwa appuntu f'dawn is-sitwazzjonijiet li l-ġudikant irrid jislet dak li għandu mis-sewwa minn dak li m'għandux. Jirriżulta b'mod pależi illi ż-żewġ kuntratti li bihom kienu preżentati l-persuni ingaġġati kienu differenti minn xulxin.

21. Huwa għalhekk pależi għal din il-Qorti illi fil-konklużjonijiet raġġunti mill-Qorti tal-Appell Kriminali m'hemm l-ebda arbitrarjetà u wisq anqas irraġonevolezza. Is-sentenza hija waħda fejn l-aggravji kollha avvanzati kienu mistħarġa b'reqqa, u l-konklużjonijiet minnha raġġunti huma ben motivati. Din il-Qorti ma riskontrat l-ebda nuqqasijiet proċedurali jew probatorji hekk gravi li b'xi mod jista' jwassal lil din il-Qorti għall-konvinċiment illi kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Huwa bil-wisq ovvju illi s-sottomissjonijiet tal-appellanti kienu primarjament maħsuba biex iħajru lil din il-Qorti tqis is-siwi tar-raġunament li wassal lill-Qrati ta' kompetenza kriminali jsibu l-ħtija fihom u biex tasal biex taqbel magħhom illi ma messhomx instabu ħatja. Kawża kostituzzjonali ma

għandhiex isservi bħala xi tielet grad minn sentenza motivata tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

**It-tieni aggravju**

22. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

23. Permezz *tat-**tieni aggravju*** l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma semgħatx mill-ġdid ix-xhieda prodotta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jaffermaw illi f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha illi għandha tirrevoka s-sentenza, dan għandu jsir b'rispett lejn id-dritt ta' smigħ xieraq, u alumenu terġa' tisma' x-xhieda, partikolarment dawk prinċipali jew inkella tirrimanda lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex jerġa' jsir ri-apprezzament tal-provi fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx koretta meta qalet illi huwa biżżejjed li d-depożizzjonijiet kollha tax-xhieda kienu traskritti.

24. B'referenza għat-tieni aggravju, l-appellati jargumentaw illi l-argument avvanzat mill-appellant permezz ta' dan it-tieni aggravju huwa wieħed redikolu, b'dana illi li kieku dan l-argument kellu jiġi aċċettat, is-sentenzi tal-qrati fl-appell huma kollha arbitrarji għaliex fl-istadju tal-appell ma jinstemgħux ix-xhieda mill-ġdid imma hemm regoli appożiti illi jagħtu

fakultà lill-Qrati jisimgħu xhieda b'mod eċċezzjonali. Jissottolineaw illi lanqas din il-Qorti ma semgħet tali xhieda, u jistaqsu jekk allura d-deċiżjoni tagħha hijiex ser tkun arbitrarja? Jaffermaw illi l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-fakultà illi meta tkun konvinta li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni żbaljata, iddawwar tali deċiżjoni , għaliex hija propju dik il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell fil-Kamp Kriminali. Isostnu illi s-sentenzi ċitati mill-appellanti jenuċjaw prinċipji ġenerali mingħajr ma jispjegaw kif dawk il-prinċipji japplikaw għal każ odjern. Ulterjorment jissottomettu illi x-xhieda li ngħatat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati baqgħet l-istess, u hi li hi, u ma inbidlitx għaliex issa l-Qorti tal-Appell Kriminali dawwret is-sentenza.

25. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"…il-Qorti tqis illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti għaddew minn proċeduri fl-ewwel istanza u fit-tieni istanza, dejjem ben assistiti u ma jidher qatt illi kien hemm xi lmenti jew lanjanzi kostituzzjonali mqajma waqt il-proċeduri. Il-Qorti tqis illi il-proċeduri kriminali fl-interità tagħhom, li għaddew minnhom ir-rikorrenti, kienu kondotta skont ir-reġim legali anke proċedurali illi jippermetti l-Kodici Kriminali għall-aħjar andament talġustizzja.*
>
> *Ukoll, il-Qorti tqis illi in kwantu illi d-depożizzjonijiet kollha tax-xhieda kollha kienu traskritti u kien hemm kopja tal-istess depożizzjonijiet fil-proċess a dispożizzjoni mhux biss tal-ewwel Qorti imma anke tat-tieni, kif tippermetti s-sistema legali taghna, allura kull qorti f'kull grad setgħet tagħmel "a direct assessment" tax-xhieda prodotti. Il-Qorti tfakkar illi f'Appelli minn każijiet sommarji, il-Qorti tal-Appell terġa'' tisma'' hi x-xhieda illi jkunu prodotti fl-ewwel istanza proprju għaliex ma tistax tagħmel tali "direct assessment" in kwantu illi, fil-maġġor parti stravaganti tal-każijiet, ma jkunx hemm traskrizzjonijiet tal-istess. Din id-differenza proċedurali fil-liġi tagħna qed tiġi sottolineata peress illi ttina appuntu l-opportunità illi naraw illi l-prinċipju ta' direct assessment jiġi osservat.*

*Għaliex kif anke tgħid il-ġurisprudenza fuq ikkwotat, fuq kollox, il-proċeduri u r-regoli proċedurali dwar kif evidenza tiġi apprezzata, mhix regolata bl-Artikolu 6 talKonvenzjoni, imma kull pajjiż għandu l-proċeduri tiegħu.*

*Finalment, din il-Qorti trid tosserva illi filwaqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rrimarkat fis-sentenza tagħha illi minkejja digriet mogħti lejn il-bidu tal-proċeduri sabiex ilproċeduri jinstemgħu bil-lingwa Ingliża, kien hemm użu daqqa tal-lingwa Ingliża u daqqa tal-lingwa Maltija fil-kors tal-proċeduri, anke jekk is-sentenza mbagħad ngħatat bil-lingwa Ingliża, u tirrimarka, il-Qorti tal-Appell, li għal dan id-difiża qatt ma oġġezzjonat.*

*Bl-istess mod din il-Qorti tinnota ukoll illi mkien ma jirriżulta mill-atti illi d-difiża talbet, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, illi x-xhieda jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid u għalhekk il-Qorti tikkonkludi illi l-hawnhekk rikorrenti kienu aktar minn komdi bil-proċeduri kif tmexxew mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif diġà tenut, il-funzjoni ta' din il-Qorti mhix dik tat-tielet grad iżda waħda li tqis jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tul il-proċeduri."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

26. Il-Qorti ma tqisx illi dan l-aggravju għandu mis-sewwa. Fl-ewwel lok, il-liġi tippermetti li l-Qorti ta' Reviżjoni ma tisma'x xhieda "*viva voce*" iżda toqgħod fuq affidavits u traskrizzjonijiet ta' xhieda skont il-liġi hija għażla proċeduralment regolarissima, u permessa mil-liġi proċedurali domestika. Huwa *ormai* ben aċċettat illi:

*"While Article 6 of the Convention guarantees the right to a fair hearing, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence or the way it should be assessed, which are therefore primarily matters for regulation by national law and the national courts.*[2]

*On the other hand, whilst acknowledging the domestic judicial authorities' prerogative to assess the evidence and decide what is relevant and admissible, the Court reiterates that Article 6 § 1 places the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the*

[2] Ara García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I, and Perić v. Croatia, no. 34499/06, § 17, 27 March 2008.

> *submissions, arguments and evidence adduced by the parties (see Khamidov, cited above, § 173) without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision (see Van de Hurk v. the Netherlands, 19 April 1994, § 59, Series A no. 288, and Dulaurans v. France, no. 34553/97, § 33, 21 March 2000). An error of law or fact by the national court which is so evident as to be characterised as a "manifest error" – that is to say, an error that no reasonable court could ever have made – may be such as to disturb the fairness of the proceedings (see Bochan, § 62, cited above)."*

27. L-Imħallef Harding fis-sentenza tiegħu fl-ismijiet: ***Pulizija v. Salvu Pullicino*** deċiża nhar l-14 ta' Marzu 1949 osserva illi:

> *"Ma hux il-kaz li l-Imħallef sedenti jerġa' jisma l-provi, għaliex wara li dawn instemgħu darbtejn, darba mill-Maġistrat u darb' oħra mill-perit, kull impressjoni li talvolta tosta tirrikava din il-Qorti aktarx tkun fallaċi għaliex bi smiegħ ripetut... il-partijiet ikunu ndunaw b'dik li tissejjaħ " the pinch of the case"*
>
> *omissis*
>
> *Il-Qorti tal-Appell anki fuq kwistjoni ta' fatt tista u għandha tvarja d-deċiżjoni tal-Maġistrat jekk jidhrilha li mill-materjal probatorju quddiema dik id-deċiżjoni kienet żbaljata."*

28. L-argument avvanzat mill-appellanti m'għandux isservi bħala bażi biex tiġi attakkata sentenza. Li kieku kellu jiġi aċċettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi anke kull darba li ġudikant jissostitwixxi ġudikant ieħor il-provi jridu jinstemgħu *ex novo*, b'ħela ta' enerġija, dilungar u spejjeż żejda. Tali raġonament, jekk aċċettat, ċertament li jinnewtralizza ukoll għal kollox ir-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew dak permezz ta' l-Assistenti Ġudizzjarji, meta leġislatur ikkreja dispożizzjonijiet fil-liġi appożiti fil-kodiċi proċedurali.[3] F'dan ir-rigward din

[3] Ara inter alia George Galea vs Maria Carmela sive Marica Baldwin, (App Ċiv Nru: 90/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2022; Anthony Mifsud et vs

il-Qorti tislet ukoll mill-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza fl-ismijiet: ***Albert Noel Portelli et v. Paola Developments Limited et***, (Appell Ċivili Numru. 1466/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Novembru 2006:

> *"Bil-fatt wahdu li, minhabba esigenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawza ghaddiet minn gudikat ghal iehor, ma ghandux necessarjament iwassal ghal dak li donnhom qeghdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma pero` jispecifikaw xejn utli jew ta' sostanza.* ***Bl-istess argument, li kieku wiehed kellu jabbraccjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeciedi dwaru!***[4] *Riflessjonijiet bla bazi ta' din ix-xorta ftit jaghmlu gieh lil min jasserihom u certament, ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni gusta u serena ta' procedura gudizzjarja bhal dik in kawza."*

29. Bl-argument tal-appellanti hekk kif avvanzat permezz ta' dan it-tieni aggravju, l-istess japplika għal din il-Qorti kif preseduta u l-proċedura minnha adoperata, *stante* illi din il-Qorti ukoll ma tisma'x il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti *di prima persona*. Minkejja dan l-appellanti issottoponew ruħhom għal ġudikat ta' din il-Qorti. Ulterjorment din il-Qorti tosserva illi din il-kwistjoni ma kinitx tqajmet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, minkejja li l-appellanti kienu konsapevoli li l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati b'dana illi s-sentenza appellata setgħet possibbilment tiġi revokata fit-totalità tagħha.

---

Victor Calleja, (Appell Ċivili Numru. 354/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar ild-9 ta' Jannar 2008.

[4] Enfażi ta' din il-Qorti.

30. Fil-fatt din il-Qorti rat il-verbali tal-udjenzi li seħħew quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u osservat illi għajr il-kwistjoni tat-tardività tal-preżentata tal-appell tal-Avukat Ġenerali, ma tqajmet l-ebda kwistjoni oħra da parti tal-appellanti, li anke fl-istadju tal-appell dejjem kienu debitament assistiti. Fil-fatt fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-talba tal-appellanti biex tisma'' x-xhieda *viva voce* tal-prokuratur legali tal-Avukat Ġenerali, Francesca di Paolo, li bil-ġurament tagħha fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2022, ikkonfermat id-data tal-intavolar tal-appell tal-Avukat Ġenerali, b'dana illi l-appellanti irtiraw l-eċċezzjoni tagħhom rigward l-allegat tardività tal-preżentata tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

31. Tal-istess ħsieb kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-Sede Inferjuri tagħha f' ***il-Pulizija v. Emanuel Debrincat*** mogħtija fit-30 ta' Marzu 2012:

> *"... mhux l-ewwel darba li Maġistrat li jkun qed jisma' l-kawża jdum tlieta u anke erba' snin jew aktar jisma' l-kawża u wara li jkun sema' xi xhieda jkun assenjat xogħol ieħor, jinħatar imħallef jew jirtira. Dan, bħala regola, iħalli warajh għadd kbir ta' kawżi li jkunu nbdew jew fl-aħħar xhur jew inkella snin qabel. Jekk kull darba jibda kollox mill-ġdid allura jkunu nħlew sigħat twal għalxejn, xhieda jkunu nsew x'ġara, oħrajn jibdlu l-verżjoni tagħhom, u oħrajn ikunu mietu. Ma' dawn wieħed iżid li jista' jkun hemm ukoll xhieda f'rogatorji barra mill-pajjiż li s'intendi ma jkunux instemgħu millMaġistrat innifsu.*
>
> *"Ukoll jekk jibqa' l-istess Maġistrat mill-bidu sa l-aħħar dan ma jfissirx li dan il-ġudikant li jkun sema' xhud tlieta jew erba' snin qabel ma jerġa'x jaqra darba, darbtejn, tlieta jew aktar (enfasi tal-qorti) xi jkun qal xhud żmien twil qabel. Barra dan huwa jkun jista' jqabbel x'qal ix-xhud ma' dawk li jkunu qalu xhieda oħra għax issa jkollu storja waħda quddiemu mill-bidu sal-aħħar u mhux aktar sempliċiment xhieda li nġabret ftit, ftit u li tispiċċa frammentata fil-memorja minħabba t-trapass taż-żmien.*

> *Tassew li lMaġistrat jista' jiftakar lil xhud jixhed fuq il-pedana tax-xhieda speċjalment jekk il-personalita' tax-xhud partikolari tolqtu b'xi mod jew ieħor. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li matul tlieta jew erba' snin ilMaġistrat ikun sema' ruxxmata xhieda f'kawżi differenti u mhux bilfors li jiftakar l-imġiba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud li jkun ra quddiemu.* ***Pjuttost il-Maġistrat jista' jasal għall-ġudizzju jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa wara qari tajjeb tat-test. It-tħejjija akkademika ta' ġudikant tista' tgħinu sew biex jagħraf dak li hu attendibbli minn dak li mhux - waqt li jkun fil-kwiet tal-istudju tiegħu u mingħajr distrazzjonijiet."*** (Enfażi ta' din il-Qorti)

32. Din il-Qorti hija a konoxxenza tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu fuq "the principle of immediacy" u kif ukoll l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju minn dik il-Qorti anke f'kuntest ta' appell, però huwa minnu ukoll illi:

> *"However, the principle of immediacy cannot be deemed to constitute a prohibition of any change in the composition of a court during the course of a case. Very clear administrative or procedural factors may arise, rendering a judge's continued participation in a case impossible. The Court has indicated that measures can be taken to ensure that the judges who continue hearing the case have the appropriate understanding of the evidence and arguments, for example, by making transcripts available where the credibility of the witness concerned is not at issue, or by arranging for a rehearing of the relevant arguments or of important witnesses before the newly composed court (Cutean v. Romania, 2014, § 61)."*

33. Il-Qorti tqis illi l-liġi proċedurali domestika, tgħati lill-qrati tal-appell, inkluż lill-Qorti tal-Appell Kriminali l-għodod neċessarji sabiex anke b'applikazzjoni tal-*principle of immediacy*, jiġi mħares id-dritt għal smigħ xieraq fit-totalità tiegħu. Mill-atti ma rriżultax illi l-appellanti avvanzaw talbiet fl-istadju tal-appell sabiex jerġgħu jinstemgħu xi xhieda partikolari, minkejja li huma kienu ben konsapevoli tal-fatt illi anke l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza. Kien biss issa illi dan l-argument tqajjem mill-

appellanti, *ex post facto,* u wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkundannat lill-istess għal sentenza ta' priġunerija effettiva, b'dana illi huwa evidenti li hawnhekk l-appellanti naqsu milli jagħmlu użu mir-rimedji ordinarji provduti mill-qafas legali domestiku.

34. Dan l-aggravju kien jingħata piż differenti li kieku kien hemm allegazzjonijiet illi l-Ewwel Qorti naqset milli tisma'' xhieda partikolari *viva voce,* jew li kien hemm xi traskrizzjonijiet jew provi nieqsa fl-atti. Xejn minn dan ma kien allegat mill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, anzi jirriżulta illi minkejja li l-appellanti huma ta' nazzjonalità barranija, fl-ebda stadju ma rreġistraw xi oġġezzjoni f'dan ir-rigward.Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha osservat ukoll illi l-appellanti: "*never requested the translation of any testimony or document found in the acts"* u li *"both the accused never objected to the language in which proceedings were being conducted."*

35. Għalhekk dana l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**it-tielet aggravju**

36. Permezz tat-*tielet aggravju* jilmentaw illi s-soċjetà Leisure Clothing ġiet ikkundannata *nonostante* li ma kinitx akkużata. Jisħqu illi l-Ewwel Qorti ddisponiet minn din il-lanjanza fis-sens illi l-appellanti qatt ma

lmentaw minn din il-kwistjoni fil-kors tal-proċeduri kriminali u ddikjarat illi ġialdarba l-appellanti huma diretturi, huma għandhom ir-rappreżentanza tal-istess soċjetà. Jispjegaw illi l-estensjoni saret biss vis-a-vis Bin Han u Jia Liu u mhux ukoll kontra s-soċjetà Leisure Clothing Ltd, u għalhekk is-soċjetà ma baqgħetx parti mill-proċeduri kriminali.

37. B'risposta għal dan it-tielet aggravju, l-appellati jikkontendu illi dan l-ilment tressaq tardivament u b'mod superfiċjali. Fl-ewwel lok jissottolineaw illi l-appellanti qatt ma qajjmu dan l-ilment fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa bil-wisq konvenjenti illi din il-kwistjoni tqajmet wara li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet varjata u nstabu ħatja. Iżidu illi d-digriet tal-estenzjoni li ngħata tal-Qorti Kriminali jkopri l-akkużati kollha, u iktar minn hekk Bin Han u Jia Liu bħala diretturi tal-istess soċjetà għandhom rappreżentanza ġuridika u legali tal-istess soċjetà.

38. Fir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjoni:

> *"Fl-ewwel ilment tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li s-soċjetà rikorrenti ġiet issentenzjata meta l-proċeduri fil-konfront tagħha ġew estinti. Jirriżulta li l-att ta' akkuża fil-proċeduri kriminali nħareġ kontra Bin Han u Jia Liu personalment u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Leisure Clothing Limited. Għalkemm Leisure Clothing Limited bħala kumpanija hija persuna ġuridika distinta, ma jfissirx li din b'xi mod taġixxi waħedha.*
>
> *Huwa ben saput li kumpanija taġixxi tramite d-diretturi u l-uffiċjali tagħha, li f'dan il-każ huma l-istess rikorrenti. B'hekk jekk kemm-il darba l-att t'akkuża ħareġ fil-konfront tar-rikorrenti Bin Han u Jia Liu bħala r-rappreżentanti tal-kumpanija, hija sine qua non li l-aġir tal-*

*kumpanija u l-kumpanija nnifisha kienu implikati u koperti fl-istess att ta' akkuża. Oltre minn hekk, ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li jqajmu dan l-ilment quddiem il-Qrati Kriminali, li kienet il-Qorti addattata sabiex tevalwa tali ilment tar-rikorrenti, azzjoni li huma ma ħadux. Isegwi għalhekk li mhux biss ir-rikorrenti kienu konsapevoli li l-Att ta' Akkuża nħareġ ukoll fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, anzi talli aċċettaw dan bħala fatt tul l-andament tal-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom.*

*Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

39. Mill-atti jirriżulta illi c-*charges* li nħarġu nhar id-19 ta' Novembru 2014, kienu jaqraw:

*"Bin Han iben Ji Chang u Xian Qun imwieled fid-29 ta' Marzu 1968 gewwa Chongqing, China, residenti (…) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Leisure Clothing Limited, (…)*

*Jia Liu iben Si Jie Liu u Ying Wang imwieled gewwa Chong Quig, Cina fil25 ta' Janar 1983 u residenti (…) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Leisure Clothing Limited, (…)"*

40. Sussegwentement jirriżulta illi permezz ta' rikors ppreżentat quddiem il-Qorti Kriminali nhar il-21 ta' Mejju 2018, l-Avukat Ġenerali informa lil Qorti illi ż-żmien għal preżentata tal-Att ta' akkuża kien jagħlaq dakinhar stess, u jeħtieġlu illi t-terminu jiġi estiż bi ħmistax-il ġurnata. Il-Qorti Kriminali laqgħet din it-talba u akkordat lill-Avukat Ġenerali tali estensjoni. L-appellanti jisħqu illi r-rikors tal-21 ta' Mejju 2018, sar biss fil-konfront tal-appellanti personalment u qatt ma sar fil-konfront tal-kumpanija Leisure Clothing, jew tagħhom bħala rappreżentanti tal-istess kumpanija, b'dana illi l-att ta' akkuża fil-konfront tas-soċjetà, u/jew fil-

konfront tal-appellanti għan-nom u in rappreżentanza ta' din l-istess soċjetà skada nhar il-21 ta' Mejju 2018.

41. Il-Qorti wara li rat latti partikolarment ir-rikors tal-21 ta' Mejju 2018 a fol 2580 u r-Rinviju għall-Ġudizzju a fol 2583 datat 31 ta' Mejju 2018, u l-verbali sussegwenti, tosserva illi dan il-punt kien biss sollevat mill-appellanti fil-proċeduri kostituzzjonali quddiem l-Ewwel Qorti, b'dana illi din il-kwistjoni la tqajmet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li kienet ikkundannat lis-soċjetà rikorrenti tħallas multa ta' mitejn elf ewro (€200,000) u lanqas ma tqajmet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fatt il-Qorti rat illi mill-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ġunju 2018, jirriżulta illi filwaqt li l-prosekuzzjoni iddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluqa, wara li nqara ir-*rinvio a giudizio* mill-Qorti kif preseduta, l-appellanti iddikjaraw illi huma m'għandhom l-ebda oġġezzjoni illi l-każ jipproċedi bis-sommarju u li jkun deċiż minn dik il-Qorti kif preseduta.

42. Il-Qorti ssib illi dana l-aggravju huwa ċertament infondat. Huwa bil-wisq konvenjenti illi materji bħal dawn jiġu sollevati *ex post facto*, meta l-liġi proċedurali kriminali tagħti rimedji ordinarji sabiex materji bħal dawn jiġu solleċitati u indirizzati quddiem il-qrati muniti bil-kompetenza li jiddeċiedu dwar dawn il-materji.

43. F'kull każ, din il-Qorti rat illi l-Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> *"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin nuqqas għal kollox tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma" l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."*

44. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet: ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak et*** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tenniet illi:

> *"Issir riferenza għalhekk mill-ewwel lis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ġunju, 1996 Ir-Repubblika ta' Malta kontra Carmelo Muscat (Att ta' Akkuża 3/95) fejn il-Qorti daħlet funditus fuq il-konsegwenzi legali li jista' jkun hemm dwar il-validita' o meno ta' l-att ta' lakkuża meta dan jiġi ppreżentat oltre l-perjodu ta' xahar previst mil-liġi fl-artikolu 432(1) tal-Kodiċi Kriminali. F'dik l-istess sentenza li għaliha qed issir riferenza din il-Qorti kienet ukoll irriferiet għall-ġurisprudenza preċedenti, kollha indikattiva biex tikkonferma jew biex tirribadixxi l-prinċipju illi l-fatt illi l-Avukat Ġenerali ma jkunx ippreżenta l-att tal-akkuża fiż-żmien ix-xahar stipulat mil-liġi, u fl-assenza ta' proroga biex jippreżentah ulterjorment, ma jġibx bħala konsegwenza illi jekk dak l-istess att ta' akkuża jiġi ppreżentat sussegwentement u għalhekk oltre l-perijodu ta' xahar imsemmi, dak l-istess att ikun null fit-termini tal-liġi. Fil-ġurisprudenza ċitata ġie spjegat, u din il-Qorti issa qed tirribadixxi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali illi jippreżenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew permess lilu mill-Qorti permezz ta' proroga jistgħu jkunu diversi fosthom jistgħu anke jwasslu għal-liberazzjoni mill-arrest ta' l-imputat, però mhux ikkontemplat mil-liġi bħala waħda mill konsegwenzi li l-Avukat Ġenerali huwa prekluż milli jippreżenta l-att ta' l-akkuża xorta waħda avolja jkun skadielu t-terminu f'liema każ mhux talli l-liġi ma tikkontemplax in-nullità ta' dak l-istess att ta' akkuża, anzi fit-termini ta' l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali tipprovdi illi dik l-istess preżentata tardiva tista' tinnewtralizza ċerti effetti oħra illi jista' talvolta jkun hemm kieku l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie preżentat.*

> *Infatti kif din il-Qorti kellha opportunita' tispjega fis sentenza msemmija huwa ċar illi dak li riedet tirraġunġi l-liġi jemerġi bl-aktar mod ċar mill-istess artikolu 602 tal Kodiċi Kriminali u jipprovdi li jekk l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie ppreżentat fiż-żmien stabbilit, il-possibilita' li limputat jiġi liberat ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti jekk sadanittant l-att ta' l-akkuża jkun ġie ppreżentat anke jekk tardivament.* ***Fil-fehma tagħha din hija indikazzjoni ċara li l-liġi ma kienet qatt intenzjonata li ttellef id-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-att ta' l-akkuża allavolja jkun skadielu t-terminu anzi mhux hekk biss, billi ċerti drittijiet tal-akkużat illi jkunu in limbo bħalma huwa dak li jitlob li jiġi lliberat mill-arrest jintilfu appena l-att ta' l-akkuża jiġi ppreżentat sakemm dik it-talba tkun għada ma saritx.*** *" (Enfażi ta' din il-Qorti)"*

45. Fis-sentenza fl-ismijiet: ***ir-Repubblika ta' Malta v. Daniel Muka*** deċiża nhar it-18 ta' Ottubru, 2022 mill-Qorti Kriminali, il-Qorti osservat:

> *"But for the sake of completeness, even if one were to concede gratia argomenti that the Attorney General had failed to show that the request was made, or was not made on time or that there was no evidence of this request being acceded to, the consequence of any such shortcoming would still not lead to the nullity of the bill of indictment or the compilation proceedings as Defence contended.*
>
> *Article 597(4) of the Criminal Code states:*
>
> *The indictment cannot be impugned on the ground of any defect in the record of inquiry, nor can the accused demand that, on the ground of any such defect, the trial on the said indictment be not proceeded with, unless such defect consists in the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or of the order committing the accused for trial, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law."*

46. Il-Qorti tabbraċja dawn l-insenjamenti, u tagħraf illi kemm il-liġi u kif ukoll il-ġurisprudenza hija ċara fir-rigward allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet ravviżati fl-att tal-akkuża, u ċ-ċirkostanzi limitati li jistgħu possibbilment iwasslu għan-nullità tal-istess. *Multo magis,* fid-dawl ta' din il-

ġurisprudenza, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tqisx illi non-inklużjoni tal-okkju sħiħ tal-proċeduri ta' kumpilazzjoni fir-rigward l-appellanti jista' jwassal għall-estensjoni tal-proċeduri kontra s-soċjetà Leisure Clothing Ltd. fir-rikors għat-talba għall-estensjoni *ai termini* tal-Artikolu 432 tal-Kap 9.

47. Għalhekk u għar-raġunijiet indikati, dana l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

48. B'rabta mat-tielet aggravju, ***ir-raba' aggravju*** jitratta l-ilment tal-appellanti mill-fatt li Jia Liu ġie sentenzjat b'assoċjazzjoni mal-kumpanija li ma setgħatx tinstab ħatja għar-raġuni esposta fit-tielet aggravju. Iżidu illi la darba l-proċeduri kontra s-soċjetà ġew terminati allura Jia Liu ma setgħax jinstab ħati b'assoċjazzjoni għaliex l-ewwel kellha tinstab ħtija fil-konfront tal-kumpanija. Isostnu illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx din il-lanjanza fl-*intier* tagħha, u kkunsidrat biss raġuni waħda minn tlieta.

49. L-appellati jirribattu illi l-argument mressaq mill-appellanti huwa żbaljat meta jgħidu illi l-proċeduri kontra soċjetà ġew estinti minħabba illi r-rikors li tressaq mill-Avukat Ġenerali ma tniżżilx l-isem tas-soċjetà. Iżidu illi l-appellanti sabiex jaħarbu minn *kwalsiasi* konnessjoni mas-soċjetà ressqu rikors fejn qiesu lis-soċjetà m'għandha ebda rappreżentanza minn

persuna fiżika, però ġie riskontrat u pruvat fil-proċeduri kriminali bin-numru 1128/2014 li d-diretturi ta' tali soċjetà huwa l-appellanti.

50. Fir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjoni:

> *"It-tieni lment tar-rikorrenti jikkonċerna s-sentenza ta' Jia Liu li ġie sentenzjat b'assoċjazzjoni mal-kumpanija.*
>
> *It-tieni lment tar-rikorrenti jorbot mal-ewwel ilment u għalhekk la darba l-Qorti qieset li m'hemmx vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 talKostituzzjoni għar-raġunijiet suesposti, isegwi li lanqas ma hemm vjolazzjoni talistess fir-rigward tat-tieni lment tar-rikorrenti.*
>
> *Oltre minn hekk, mill-att ta' akkuża huwa ċar li l-akkużi fil-konfront ta' Jia Liu kienu mhux biss f'ismu proprju imma anke fil-konfront tiegħu għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti.*
>
> *Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward."*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:*

51. Din il-Qorti tirribadixxi dak indikat minnha fir-rigward tat-tielet aggravju, u ċjoè illi mhuwiex minnu li l-azzjoni kontra s-soċjetà Leisure Clothing ġiet estinta minħabba r-rikors intavolat mill-Avukat Ġenerali nhar l-21 ta' Mejju 2018, u isegwi għalhekk illi dana l-aggravju huwa infondat. L-akkużi miġjuba kontra l-appellanti kienu ċari mill-bidu, b'dana illi l-appellanti kienu ben konsapevoli tal-fatt li huma kienu mixlija bl-akkużi relattivi kemm f'isimhom personali u kif ukoll għan-nom tal-kumpanija Leisure Clothing, li mir-riżultanzi probatorji irriżulta b'mod indiskuss li

tagħha huma kienu it-tnejn diretturi, u ukoll vestiti bir-rapprezentanza legali tal-istess.(*Ara Memorandum and Articles esebiti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.)*

52. *Di piu'*, din il-Qorti *obiter* tosserva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat bir-reqqa din il-kwistjoni, billi saret referenza għall-liġijiet relattivi, u anke għall-ġurisprudenza.

53. Għar-raġunijiet segwenti ssib illi dana l-aggravju huwa wkoll infondat.

**Il-ħames aggravju**

54. Permezz tal-***ħames aggravju***, l-appellanti jilmentaw mid-dilungar tal-proċeduri li damu tmien (8) snin biex ġew deċiżi. Jikkontendu illi l-prosekuzzjoni ħadet madwar tmienja u ħamsin (58) seduta biex ressqet il-provi tagħha, u minkejja n-natura tal-każ odjern, dan ma jiġġustifikax il-ħtieġa ta' tmienja u ħamsin (58) seduta. Isostnu illi l-Ewwel Qorti ma qisitx dan l-aggravju b'reqqa għaliex il-pandemija telfet biss ftit ġimgħat mill-andament tal-proċeduri.

55. L-appellati iwieġbu billi jsostnu illi mhuwiex minnu li l-proċeduri damu. Jispjegaw illi meta wieħed iqis illi l-proċess sħiħ dam tmien (8) snin, u jqis id-diversi fatturi *ossia* n-natura tal-każ, in-numru tal-imputati, il-

volum tax-xhieda, iż-żmien li ħadet id-difiża biex tipprepara d-difiża tagħha, d-differimenti li ntalbu, il-pandemija tal-Covid 19, juri illi ma nħela l-ebda ħin. Isostnu ukoll illi din il-kawża kienet titratta ukoll akkużi ta' *human trafficking* ta' numru konsiderevoli ta' perusni ġejjin minn pajjiżi terzi, u l-involviment ta' aġenziji. Jindikaw ukoll illi fil-proċeduri kellhom jitqabbdu diversi interpreti. Lanqas ma nġabu provi mill-appellanti ta' xi ansjetà, sofferenza u jew dannu tanġibbli fuq il-persuna tagħhom.

56. Fir-rigward l-Ewwel Qorti tenniet illi:

> *"Fit-tielet ilment tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm nuqqas ta' żmien xieraq għad-determinazzjoni tal-akkużi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Boddaert v Belgim deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet issegwenti:*
>
> *The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's caselaw and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*
> *Ommissis*
>
> *Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*
>
> *In conclusion, the Court finds no violation of Article 6 para. 1 (art.6-1).*
>
> *Il-Qorti tifhem li d-dewmien prinċipali f'dan il-każ kien proprju riżultat tan-natura talkaż li kien jinvolvi numru ta' provi kemm dokumentarji u kemm xhieda li kienu jirrikjedu interpretu. Dan ġie aggravat bil-fatt li fil-mori tal-każ seħħet ukoll ilpandemija tal-COVID'19 li ċertament m'għamlitx is-sitwazzjoni aktar feliċi u/ jew faċli. In vista tal-investigazzjoni li l-Qorti tifhem li saret, li kienet tinvolvi komunikazzjoni ma' pajjiżi li jinsabu saħansitra barra mill-Unjoni Ewropea, u dwar materja li kienet tirrikjedi l-interpretazzjoni ta' espert, il-Qorti ma tqisx esaġerat il-perjodu li għadda minn meta tressqu l-ewwel darba*

*quddiem il-Qorti r-rikorrenti sa meta ġiet deċiża finalment il-vertenza permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*Għalhekk din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq esposti ma tqisx li kien hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali u, konsegwentement, ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea."*

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

57. B'rabta ma' ilmenti ta' leżjonijiet ta' drittijiet fundamentali b'rabta ma' dewmien irraġonevoli ġie ritenut illi:

*"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropea li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII)".*[5]

58. Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' 'żmien raġjonevoli', l-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjetà` demokratika. Dan ifisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu. [6]

---

[5] Joseph Gatt et vs Avukat Generali tat-28 ta' Frar, 2014:
[6] Anton Camilleri vs. Avukat Generali (Appl. No. 71/2010) the Constitutional Court held on the 1st of February 2016

59. Jingħad illi:

> *"Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti illi tagħrbel u tislet sewwa sew il-għaliex il-proċeduri twalu daqstant u allura b'dak id-dewmien esagerat u mhux ġustifikat seħħet vjolazzjoni tal-jedd għal smiegħ xieraq. Fil-kompitu tagħha l-Qorti trid tkun indikata minn tlett indikaturi ewlenin: i) il-kumplessita` tal-każ, ii) l-imġieba proċesswali tal-kontendenti u iii) il-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju."*[7]

60. L-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw ukoll illi:

> *"The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000- VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].4."*

61. Mill-atti, *inter alia,* jirriżulta s-segwenti:

- L-appellanti kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' Novembru 2014;

- Fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2014, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni tal-akkuża li wassal sabiex l-ewwel *charges* jiġu sfilzati u mibdula;

---

Ara inter alia Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Ġenerali deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003, Francis Said vs Avukat Ġenerali deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010, Sydney Ellul Sullivan vs il-Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fit-28 ta' Jannar 2013 u Victoria Cassar vs Avukat Ġenerali et deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2019.

- Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti Istruttorja, ġie degretat li hemm *prima facie*;

- Fid-19 ta' April 2018 l-atti tal-kumpilazzjoni ġew mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati lill-Avukat Ġenerali li fil-21 ta' Mejju 2018 permezz ta' rikors iddikjara li minkejja li ż-żmien għal preżentata tal-Att ta' Akkuża jagħlaq fl-istess jum, talab estensjoni ta' ħmistax- il ġurnata;

- Fil-31 ta' Mejju 2018 l-Avukat Ġenerali talab sabiex il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti jipproċedu bil-proċedura sommarja quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati.

- Jirriżulta illi l-prosekuzzjoni ressqet ċirċa ħamsa u tletin (35) xhud, liema xhieda tressqu fuq medda ta' ċirka tmienja u ħamsin (58) seduta b'dana illi ħadet sa nhar il-11 ta' Ġunju 2018 sabiex ressqet il-provi tagħha.

- Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu 2022, b'dana illi oriġinarjament l-proċeduri kienu differiti għas-sentenza għas-17 ta' Ġunju 2020 iżda ingħatat fil-21 ta' Marzu 2022.

- Il-Qort tal-Appell Kriminal imbagħad għaddiet biex tat is-sentenza tagħha fis- 6 ta’ Jannar 2023

62. Ic-*charges* li nġabu fil-konfront tal-appellanti kien jikkonsistu f’erbatax- il *charge* (14) fosthom traffikar ta’ persuni, miżappropjazzjoni ta’ ksur tal-liġi tal-impjieg.

63. Il-Qorti tagħraf illi filwaqt li permezz ta’ dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw miż-żmien irraġonevoli li ħadu l-proċeduri fil-konfront tagħhom, dan jagħmluh b’mod relattivament ġenerali. Filwaqt illi f’parti mill-aggravju bħal donnhom jittentaw jippuntaw subgħajhom lejn il-fatt li l-prosekuzzjoni ħadet tul ta’ żmien konsiderevoli biex tressaq ix-xhieda tagħhom, tali allegazzjoni tieqaf hemm. Il-Qorti rat illi l-appellanti lanqas ma ilmentaw mill-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza fil-konfront tagħhom f’Marzu tas-sena 2022 minn Ġunju tas-sena 2020, u għalkemm dan il-fatt ġie minnhom indikat, ma jidhirx illi l-appellanti effettivament ressqu xi ilmenti f’dan is-sens fl-ebda stadju.

64. In parenteżi, il-Qorti tqis ukoll illi dana l-aggravju huma pjuttost f’kontradizzjoni mat-tieni aggravju avvanzat mill-appellanti, in kwantu huma sostnew illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha terġa’ tisma’’ t-testimonjanzi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

65. Minn eżami tal-atti din il-Qorti rriżultalha illi l-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi tagħha immedjatament; fil-fatt nhar it-2 ta' Diċembru 2014, il-prosekuzzjoni ressqet erba' (4) xhieda, filwaqt li l-għada ressqet ukoll żewġ xhieda oħra. Din il-Qorti rat illi għajr għal xi perjodi relattivament qosra, l-udjenzi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu jsiru b'mod regolari u konsistenti, fejn il-prosekuzzjoni f'seduta waħda kienet tipproduċi medja ta' tliet xhieda. Il-Qorti osservat illi f'okkażjonijiet minnhom, ġew prodotti anke erba' (4) u sitt (6) xhieda. Kien hemm ukoll xhieda li ġew prodotti f'diversi udjenzi, u li l-kontroeżamijiet ta' ċertu xhieda saret waqt l-udjenza li fiha ikun xehed ix-xhud in eżami u xhieda oħra fejn il-kontroeżami tal-istess sar f'stadju ulterjuri tal-proċeduri. Din il-Qorti bħall-Qorti tal-Appell Kriminali ma tistax ma tirrilevax illi l-atti tal-proċeduri huma volominużi, u l-akkużi miġjuba kontra l-istess appellant huma konsidervoli u ta' ċertu portata u jimmeritaw stħarriġ metikoluż.

66. Il-Qorti rat illi tul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati xehdu diversi "impjegati" tal-appellanti, li fil-maġġior parti tagħhom huma barranin, u xehdu ukoll diversi esperti, li ppreżentaw r-relazzjonijiet relattivi, xehdu ukoll diversi uffiċjali fi ħdan il-korp tal-Pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni, kif ukoll rappreżentati tal-banek, tad-DIER, Jobs Plus etc.

67. L-appellanti jisħqu ukoll illi tul il-perkors tal-proċeduri kienu biss erba' (4) darbiet fejn huma talbu differiment jew li ma saritx is-seduta minħabba raġunijiet li tort tagħhom. Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha tikkonċedi illi s-snin tal-pandemija għalkemm huma biss perjodu relattivament qasir fil-perkors tal-proċeduri kriminali kontra l-appellanti, ma jistax jiġi eskluż kompletament minn kull konsiderazzjoni.

68. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-proċeduri fil-konfront tal-appellanti ħadu kors raġonevoli. Din il-Qorti stħarġet l-atti bir-reqqa u ma tqisx illi jista' jiġi attribwit dewmien irraġonevoli f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-elenku sħiħ ta' akkużi miġjuba kontra l-appellanti, il-partikolrità tal-akkużi miġjuba, in-numru ta' xhieda prodotta, fosthom numru konsiderevoli ta' barranin. Filwaqt illi din il-Qorti tikkonċedi illi mal-ewwel daqqa t'għajn il-proċeduri in kwistjoni ħadu żmien konsiderevoli biex jiġu deċiżi, mill-kostatazzjonijiet magħmula sopra, din il-Qorti ma tqisx illi għandha x'tiċċensura la lill-organu ġudizzjarju u lanqas lill-partijiet.

69. F'Gast & Popp v. Gemany (Appl. No. 29357/95) deċiża nhar il-25 ta' Frar 2000, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tenniet illi:

> *"The purpose of those criteria is to determine whether the time taken in the handling of a case is justified. Thus, <u>the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long.</u> (Enfażi tal-Qorti) Conversely, the time taken may be regarded as longer than is reasonable in the light of just one criterion, in particular where its duration is the result*

> *of the conduct of the competent authorities. Where appropriate, the duration of a procedural stage may be regarded as reasonable from the outset if it appears to be consistent with the average time taken in handling a case of its type (Limburgse Vinyl Maatschappij and Others, paragraph 188).”*

70. Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti tqis illi ż-żmien meħud biex ġew deċiżi l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanti huwa wieħed li ma jistax jitqies inġustifikabbli. L-ebda Qorti m’għandha interess illi tħalli proċeduri pendenti quddiemha jiddilungaw inutilment, u hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi f’dan il-każ ma kienx hemm delungar inutli.

71. Għalhekk, din il-Qorti ssib illi dana l-aggravju huwa wieħed infondat.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu.

Tordna illi l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da